Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 52– L-Erbgħa 15 ta' Mejju 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

52.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

## 52.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

52.3.1 Is-Sindku Franco Ciangura ndirizza l-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura billi rringrazzja lill-sħabu l-kunsilliera tal-attendenza massima minn kulħadd għal kull laqgħa u talli ħdimna tajjeb ħafna flimkien. Huwa sellem u rringrazzja lill-kunsilliera Peter Caruana u Karen Xuereb li mhux ser jerġgħu jikkontestaw għall-elezzjoni tal-ħidma u ħin li dejjem taw għal-lokalita' ta' Għajnsielem. Is-Sindku Franco Ciangura xtaq jagħmel xi ringrazzjamenti minn din l-esperjenza li ser jibqa jgħożża għall-għomru fejn matulha kellu mumenti sbieħ li kienu ħafna . Huwa spjega kif l-interess kien wieħed , dak għal ġid ta' Għajnsielem u jekk naqas lil xi ħadd xi darba ma kinitx l-intenzjoni tiegħu. Huwa rrefera għal fatt li ser jinħass in-nuqqas tal-kunsilliera li mhux ser jikkontestaw u n-nuqqas tagħhom ser jinħass. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li hija l-*front* tal-uffiċju u mexxiet ix-xogħol tajjeb ħafna bil-għajnuna tal-istaff. Irringrazzja wkoll lill-

ħaddiema li huma assenjati magħna għall-ħidma tagħhom. Din l-esperjenza magħquda flimkien u jkun min ikun ħallejna kunsill b'*surplus*.

52.3.2 Il-Kunsillier Peter Caruana rringrazzja emozzjonalment lill-kunsilliera u Sindku u Segretarji kollha kemm dawk prezenti u kemm dawk tal-passat. Huwa rrefera għal din l-esperjenza bħala waħda li ħalliet impatt pożittiv fuq ħajtu pero minħabba raġunijiet ta' saħħa jiddispjacih li mhux ser jerġa jikkontesta.

52.3.3 Il-Kunsilliera Karen Xuereb rringrazzjat lil kulħadd u li għalkemm kellha esperjenza qasira fil-Kunsill, kienet waħda pożittiva ħafna iżda minħabba mpenji li żdiedu f'ħajjitha ma setgħetx terġa tikkontesta peress li d-dedikazzjoni lejn il-Kunsill tirrikjedi ħafna ħin u *committment*.

52.3.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li ser issir applikazzjoni għan-NESA Award 2019. Sar qbil li napplikaw b'*joint event* ta' Bethlehem f'Għajnsielem u l-attivitajiet tal-Għid fejn nesponu l-fatt li f'Ta' Passi qed isiru attivitajiet li jiċċelebraw it-twelid u l-mewt ta' Sidna Ġesu Kristu. Fl-applikazzjoni għandna nenfasizzaw li dawn l-attivitajiet qed jiġbru t-turiżmu lejn Għawdex fi staġun baxx. Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li jista jkun li fit-28 ta' Mejju jiġi s-sid tal-lukanda ta' Bethlehem. F'dan il-każ għandna nistednuh iqatta' ġurnata Għawdex u nilqgħuh bħala Kunsill.

52.3.5 Is-Sindku rrefera għal *Friendship agreement* li bdejna ma' Wadowice fil-Polonja. Il-Kunsill ta' Wadowice bgħatulna stedina sabiex is-Sindku jattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' 99 anniversarju tal-Papa Gwanni Pawlu II bejn it-17 u 18 ta' Mejju. Is-Sindku spjega kif xtaq ħafna jattendi iżda ma setax jattendi u bgħatna email fejn skużajna ruħna.

52.3.6 Is-Sindku rrefera għal-launching tas-Senior Passport li ser issir għada.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

52.4.1 Il-Kunsillier Peter Caruana staqsa għal fatt kif il-minivan għada ma bdietx topera. Is-Sindku semma' kif qed nistennew biex nagħmlulha l-isticker u malli titlesta nibgħatu lill-Transport Malta biex tiġi organizzata l-launching tagħha.

52.4.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera għal fatt li r-refreshing tar-road markings tal-loading/unloading bay tal-pjazza għadhom ma sarux. Sar qbil li għandna nibgħatu reminder.

52.4.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex nagħmlu dog bin fi Triq Imgarr ħdejn San Gużepp. Is-Sindku propona wkoll li jsir *dogbin* ieħor fl-area tat-Torri.

52.4.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal talba sabiex issir bankina mill-ġdid fi Triq il-Latini.

52.4.5 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal sqaq fi Triq l-Imgarr sabiex jiċċekja nistghux naqtghu l-ħaxix tiegħu. Il-Kunsill qabel li peress li hemm kwistjoni tal-qorti għandna niccekjaw eżatt hux privat qabel ma jsir xogħol fih.

52.4.6 Il-Kunsillier Kevin Cauchi rrefera għall-iskema tas-siġar taċ-ċawsri. Huwa talab li nitolbu biex inħawwlu daqs tlett siġriet fil-playing field tal-Gudja sabiex jipprovdu d-dell. Is-Sindku propona wkoll li nistgħu nitolbu għal xi siġar biex inħawwluhom matul Triq il-Briegħen. Sar qbil ukoll li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Artijiet biex naraw jekk hemm xi artijiet tal-Gvern li jistgħu jiġu devoluti lilna għall-afforestazzjoni.

52.4.7 Il-Kunsillier Pietru Caruana staqsa dwar it- triq alternativali ser issir ix-Xatt. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li għandu nformazzjoni li mill-Ministeru bgħatu l-informazzjoni kollha lis-Sindku. Is-Sindku Franco Ciangura stqarr li huwa ma rċieva l-ebda nformazzjoni.

52.4.8 Il-Viċi Sindku Kevin Cacuhi rrefera għall-ħtieġa li jintefa' xi tosku fil-wied faċċata tal-knisja ta' Sant'Antnin. Sar qbil li għandna ninkarigaw lid-Dipartiment tas-Sanita biex jagħmel dan.

52.4.9 Is-Sindku Franco Ciangura u l-Kunsillier Pietru Caruana rreferew għall-ħtieġa ta' tiswija tal-ħajt ta' quddiem il-Knisja tal-Patrijiet. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex dan isir b'urġenza minħabba li ġejja l-festa.

52.4.10Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex fix-Xatt l-Aħmar, qabel il-bollard fil-parking, nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex jimlew ftit il-ħofor u jwittu ftit it-triq.

52.4.11Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex nitolbu li jsir sellum fejn tal-ingliżi u nżidu l-gradi tal-passaġġ waħda minn kull naħa.

52.4.12Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa li ssir *traffic plan* fi Triq il-Ġnien fejn tagħti għal Triq Manuel Pinto de Fonseca.

52.4.13Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir *patching* fi Triq il-Ġnien.

52.4.14Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal siġra li hemm fil-Pjazza tad-Dehra u li hemm xi wires għaddejjin minn ġo fiha u baqgħet ma kibritx daqs l-oħrajn. Sar qbil li għandna niċċekjaw x'tip ta' wires huma u naraw jistgħux jitneħħew.

52.4.15Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li quddiem il-Grand Hotel , inħaraq *bin* u baqa ma nbidel qatt. Sar qbil li għandna nirraportawh.

52.4.16Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-htiega ta' rampa quddiem it-*traffic lights* ta' ħdejn ir-Rexy.

52.4.17Sar qbil li r-*reserved parking bay* li hemm ħdejn Ta' Dirjanu Supermarket u li ma għadhiex tintuża, nitolbu lill-Transport Malta sabiex titneħħa minn *reserved.*

## 52.5 Korrispondenza u Rapporti

52.5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand resident f'42, fi Triq Hamri, sabiex isirlu patching quddiem id-dar.

52.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand il-Komunita Frangiskana biex jitfgħu tosku fil-wied faċċatta tal-knisja peress li hemm ħafna ġrieden.

52.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand il-pulizija biex jitneħħa parking space jew inkella teħel tabella Small Vehicles Only f'Mgarr Road l-fuq minn Sqaq Nru.1, ħdejn l-hairdresser. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt x'jinħtieġ isir.

52.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand żewg residenti fi Triq Benghazi biex jinbidel il-madum tal-bankina tagħhom li jmissu ma' xulxin.

52.5.5 Ġiet trattata t-talba biex bozza fi Triq Manuel De Fonseca tinbidel għal waħda iktar qawwija.

52.5.6 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq il-Ġnien sabiex isirlu *gutter* tal-ilma quddiem ir-residenza tiegħu.

52.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Sant'Indrija biex tiċċaqlaq bozza peress li ser jinbena post ġdid.

52.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Manuel Vella biex titranġa Triq Santa Cicilja peress li qegħda żżomm l-ilma. Sar qbil li għandna nibgħatu lill-Ministeru għal Ghawdex rigward dan.

52.5.9 Ġiet trattata t-talba sabiex ma jipparkjawx fi Triq Martino Garces sabiex ma jingħalaqx l-aċċess għar-raba'. Sar qbil li għandha ssir tabella Keep Clear.

52.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi' Triq Għajnsielem sabiex biex issir *common reserved parking bay.*

52.5.11 Ġiet trattata t-talba mill-festa' ta' Sant'Antnin sabiex nitfu l-*floodlights* temporanjament fl-1 u t-2 ta' Ġunju sabiex n-nar tal-festa jidher sabiħ. Sar qbil li mportanti li jekk nitfugħhom jiġu kkonnettjati minnufih.

## 52.6 Progett tat-Taraġ

52.6.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm il-perit Shawn Micallef u l-kuntrattur Justin Attard. Is-Sindku rrefera għat-talba tal-kuntrattur biex niltaqgħu biex niddiskutu x'ser ikun il-pass li jmiss. Sar qbil li t-taraġ hemm bżonn li jiġi kkoreġut sewwa. Xtaqna li dejjem imxejna mal-istandard dik ta' pied wiesgħa u 6 pulzieri għoli imma minħabba l-fatt li dan kien miftuħ għall-aċċess kien hemm min beda jilmenta. Wara li ġie rivedut l-għoli tat-tarġa sar għal ħames piedi u ħames pulzieri.

52.6.2 Perit rrefera għall-email u għar-restrizzjonijiet u l-limitazzjoni tal-wisgħa u l-għoli li kien hemm. Il-Perit irrefera wkoll għal fatt li t-taraġ ma kienx ikkoreġut sewwa inizjalment imma issa din il-problema suppost li ser tissolva b'dawn il-qisien il-ġodda. Huwa rrimarka għal fatt li issa t-taraġ issa ħareġ għat-triq u biex jiġi evitat il-periklu jrid jingħalaq l-aċċess għat-triq. It-triq ser tidjieq u mhux ser tkun komda.

52.6.3 Sar qbil li n naħa tal-każin issir *planter* biex naħbu l-effett li t-taraġ ħareġ il-barra.

52.6.4 Ġie ssuggerit li t-tarag għandu jitlesta u niddeċiedu wara jekk nagħlqux it-triq u tintuża biss bħala *service road*. Sar qbil li din id-deċizzjoni tittiehed wara li jitlesta t-taraġ.

52.6.5 Sar qbil ukoll li jekk ser nikkoreġu l-pedament tal-monument irridu nikkoreġu l-bankina wkoll.

52.6.6 Sar qbil ukoll li fejn ser toħroġ tarġa naraw li tista tinħoloq xi *feature* li tintuża bħala pedestal għal lapida tal-inawgurazzjoni.

52.6.7 Il-Perit rrimarka sabiex malli l-kuntrattur ilesti t-taraġ bil-konkos , wara jiġi deċiż li jiġi mgħoddi d-dawl għax il-preparamenti huma meħtieġa li jsiru qabel ma jsiru r-*risers*. Il-Perit issuġġerixxa wkoll li biex ix-xogħol isir sewwa jridu l-ewwel jitwaħħlu r-risers imbad it-tarġa. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li peress li r-*risers* tal-mosaic għadu ma nbediex ix-xogħol fuqhom, għandna nkomplu r-risers bl-istess materjal u mbagħad bħala mosaic isir man-naħa tal-Każin.

## 52.7 Management Letter u Risposta

52.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Management Letter għas-sena finanzjarja 2018. Il-Kunsill evalwa n-nuqassijiet li rreferew għalihom l-Awdituri u qabel li għandu jirrispondihom skond ir-risposta ppreparata għalihom.

## 52.8 Ħaddiem taħt l-iskema CIES

52.8.1 Saret referenza għal fatt li ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-ħaddiem Josef Camilleri li jinsab taħt l-iskema CIES biex jinqaleb minn part-time għal full-time. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din l-aħbar.

## 52.9 Approvazzjoni tal-Pagamenti

52.9.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 52.10 Materji oħra

52.10.1 Sar qbil li għandha tingħata tifkira lill-Kunsilliera uxxenti Peter Caruana u Karen Xuereb.

## 52.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

52.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**